# Il-Qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal-Għargħur

Meta l-Knisja parrokkjali tar-raħal tagħna tlestiet fl-1638 ma kellhiex il-faċċata li għandha llum, iżda din x'aktarx kienet bħal dik ta' Ħ'Attard jew tal-Knisja l-qadima ta' Birkirkara. Dawn iż-żewġ knejjes huma wkoll mibnija fuq id-disinn ta' Tumas Dingli, l-arkitett li għamel il-Knisja tagħna. Il-faċċata li għandha llum biż-żewġ kampnari nbniet fl-1743. Din id-data hija minquxa fuq il-bieb il-kbir. Din il-faċċata nbniet fuq stil barokk meta dan kien fl-aqwa tiegħu f'Malta u fl-Ewropa kollha.

Kien erbgħin sena wara, fl-1782, meta tpoġġiet fil-kampnar tax-xellug il-qanpiena l-kbira. Il-Kappillan mir-raħal tagħna stess Dun Salvatore Zarb (1726-1783) talab il-permess meħtieġ lill-isqof fl-1779 u dan ingħata f'Mejju ta' l-istess sena. F'rikors ieħor li sar mill-prokuratur tal-knisja Dun Ludoviko Mula fi Frar ta' 1782 insibu li dan il-prokuratur talab lill-isqof Vincenzo Labini biex jieħu xi flus mid-dħul tal-knejjes iż-żgħar u minn ta' l-artali biex tinġabar is-somma meħtieġa għal din il-Qanpiena. Din qamet 1,500 skud u saret mill-Brunżar ta' l-Ordni ta' San Ġwann, Giacchino Trigance fl-1782. Il-Qanpiena tiżen mad-dsatax il-qantar.

L-Ordni ta' San Ġwann kellu l-funderija tiegħu fejn hemm illum il-Phoenicia Hotel il-Furjana. F'din il-funderija kienu jinħadmu l-kanuni, statwi, qniepen u xogħlijiet oħra tal-metal. Sa minn meta l-kavallieri kienu f'Rodi, il-membri tal-familja Trigance kienu brunżara ta' l-Ordni ta' San Ġwann. F'Malta ħadmu ħafna qniepen, fosthom insibu ta' l-Imqabba, Ħal-Luqa, in-Naxxar, Birkirkara u l-Qrendi.

Il-Qanpiena l-fustanija wkoll saret fil-funderija ta' l-Ordni ta' San Ġwann minn Francesco u Giacchino Trigance. Kull ma nafu fuq din il-qanpiena hu dak li nsibu fil-kuntratt li sar bejn il-kappillan tar-raħal u l-aħwa Trigance. Fil-21 ta' Lulju 1793 f'Ħal-Għargħur quddiem in-nutar Andrea Micallef, il-kappillan Dun Bartholomew Ellul, il-prokuratur tal-Knisja Dun Ġwann Maria Sant ftiehmu ma' l-aħwa Trigance fuq din il-qanpiena. Ix-xhieda kienu l-kavallier Giuseppe Bescica u l-kleriku Giovanni Gafà. Fil-qosor, l-aħwa Trigance intrabtu li fi żmien xahar minn dak inhar jagħmlu qanpiena ta' għaxar qnatar u jpoġġuha f'postha fil-kampnar. Fl-istess kuntratt għandna tagħrif kif kellha titħallas. Il-prezz miftiehem kien li wara li din tintiżen minn piżatur pubbliku titħallas bir-rata ta' 110 skudi l-qantar. Il-ħlas kellu jkun hekk: 300 skud mal-kuntratt; l-aħwa Trigance jieħu qanpiena qadima, jiżnuha għand piżatur pubbliku u l-valur tagħha jiġi kkalkulat bir-rata ta' 75 skud il-qantar u dan l-ammont jinqata' mill-valur tal-qanpiena l-ġdida; u l-bqija jitħallas bir-rata ta' 50 skud fis-sena. L-ewwel pagament sar fil-21 ta' Lulju 1794.

Din il-qanpiena għandha fuqha l-



1. Fuq ix-xellug il-qanpiena l-fustanija u l-kbira li jinsabu fil-kampnar tax-xellug tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali.

figura ta' San Bartolomew u l-arma tar-Rev. Dun Ġwann Dumink Grech. Dan il-qassis Għargħuri, li kien benefattu tal-knisja tar-raħal kien miet fl-24 ta' Settembru 1747 ta' 67 sena. Milli jidher din l-arma saret biex jibqa' mfakkar dan il-qassis li għamel żmien fuq ix-xwieni ta' l-ordni ta' San Ġwann.

Fil-kampnar tal-lemin sa 1981 kien hemm qanpiena, li kienet magħmula f'Lisbona, il-Portugal. Fuqha kien hemm miktub: *"Jacinto E Antonio Aves Guerria me Fizeram Em Lisboa No Anno C. De 1810."* Dan ifisser li din kienet magħmula minn Giacinto u Antonio Aves Guerria f'Lisbona fl-1810. Fuqha kellha wkoll salib u kien jisimha *"Kroċefissa"*. Din kienet miksura u kienet tiżen 393 ratal. Din tniżżlet minn postha fit-12 ta' Mejju 1981 u ġiet mibgħuta l-Italja fejn saret qanpiena ġdida. Il-qanpiena l-ġdida daqqet għall-ewwel darba fl-1 ta' Novembru, 1981.

Fl-istess kampnar hemm qanpiena oħra li kienet inxtrat minn Ħal-Safi u jisimha "Pawla". Fuqha hemm miktub "Pietas me fecit. S. Deus, S. Fortis, S. Immortalis: Miserere nobis. An. D. 1827". Dan ifisser: "It-tjieba (tal-poplu) għamlitni: Qaddis Alla, Qaddis Qawwi, Qaddis Immortali: Ħenn għalina. Fis-Sena tal-Mulej 1827.

Fuq dawn iż-żewġ qniepen tal-kampnar tal-lemin idoqq l-arloġġ, opra oħra tal-knisja tagħna li sar fl-1756 u ħallas għalih il-kleriku Giovanni Portelli s-somma ta' 200 skudi iżda wara l-parir tal-perit l-arloġġ għamluh ikbar u qam 482 skud.

Fil-Kampnar ta' xellug hemm żewġ qniepen żgħar li nsejħulhom l-arloġġ, għax fuq dawn it-tnejn kien idoqq l-arloġġ qabel ma nxtraw iż–żewġ qniepen li semmejna. Iż-żewġ qniepen iż-żgħar ma nafux meta nxtraw jew fejn huma magħmula.

Rajna kif missirijietna sebbħu l-Knisja Parrokkjali tagħna b'żewġ kampnari u kif maż–żmien inxtraw il-qniepen li għandha llum. Il-qniepen nisimgħuhom idoqqu fil-festi, insejħulna għall-funzjonijiet tal-knisja u jsellmu 'l-Madonna tliet darbiet kuljum. Niftakru li huma jħabbru t-tmiem ta' ħajjitna u jsellmulna għall-aħħar darba.

JULIAN BEZZINA